MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2012

Numru 744/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**
**Gerald Manfre'**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Gerald Manfre'** ta' 41 sena, bin Alexander u Dolores *nee'* Semple, imwieled Sliema nhar is-16 ta' Dicembru, 1970 u residenti gewwa 'Shalimar Crt', Flt 7, Triq Nazju Falzon, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 11871(M) u nakkuzah;

Talli nhar id-19 ta' Lulju 2012, ghall-habta ta' l-10.30hrs;

1.Ikkommetta serq ta' zewg laptops minn gewwa residenza 'Shalimar Crt'., Flt 10, Triq Nazju Falzon, Msida liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-lok ghad-detriment

ta’ Tallat Yasmin Abdul Aziz u Nagris Tomsina ta’ nazzjonalita Pakistana u /jew persuna jew persuni ohra; (Art. 261(b)(c)(e), 263, 265, 267, 269(g), 278(3), 279(a), 280(2), 281(a) tal-Kap 9;

2.U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 ghad-dannu ta’ Jane Farrugia u/jew persuna jew persuni ohra; Art 325(b) tal-Kap 9;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma’ Gerald Manfre’ bhala ricediv ta’ sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D nhar it-18/09/2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula u dan ai termini ta’l-artikolu 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta’ l-akkuzat;

Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 28 A tal-Kap 9

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzat u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi ghalkemm mitlub jigi ddikjarat bhala recediv, ma jirrizultax illi r-reat hemm ikkontemplat u li tieghu instab hati huwa l-istess bhar-reati illi huwa jinstab akkuzat taghhom quddiem dina l-Qorti;

Rat illi l-imputat obbliga ruhu illi jaghmel tajjeb ghall-hsarat minnu kommessi;

Rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9

Fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u tikkundannah ghall-terminu ta’ prigunerija ta’ sena (12-il xahar) liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti reat iehor punibbli

bi prigunerija fi zmien erba' snin millum skond l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat ghandu jhallas lil Jane Farrugia is-somma ta' erba' mija hamsa u tmenin ewro u tnejn u disghin centezmu (.€485.92) bhala hsarat lilha kommessi, liema hsarat irid ihallashom fi zmien sitt (6) xhur, wara liema perjodu huwa jitqies li kiser il-kundizzjonijiet ta' din is-sentenza u ghalhekk is-sospenzzjoni fuq imsemmija a tenur ta' l-Artikolu 28A tigi revokata u s-sentenza titqies bhala wahda effettiva, izda dana biss fuq talba tal-parti leza, Jane Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------